

Brussell, 13 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11828/26

FAO 25
AGRI 587
FOOD 98
VETER 120
PHYTOSAN 71
ENV 936
SAN 585
SUSTDEV 62

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet dwar "Saħħa Waħda" fis-sistemi agroalimentari

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Saħħa Waħda" fis-sistemi agroalimentari, approvati mill-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fl-4190 laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Lulju 2026.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Saħħa Waħda" fis-sistemi agroalimentari

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR:

- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Jannar 2024 dwar l-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa Globali – Saħħa aħjar għal kulħadd f'dinja li qed tinbidel¹;
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2024 dwar il-Futur tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa: Ewropa li tiegħu ħsieb, tħejji u tipproteġi²;
- fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2023 dwar it-tisħiħ tal-azzjonijiet tal-UE għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi f'approċċ "Saħħa Waħda"³;
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2021 dwar il-prijoritajiet tal-UE għas-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sistemi tal-Ikel tal-2021⁴.

¹ 5908/24.

² 11597/24.

³ ĠU C 220, 22.6.2023, p. 1–20.

⁴ 9335/21.

Prinċipji ġenerali

1. IFAKKAR li l-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula li l-Unjoni għandha tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tagħha.
2. JENFASIZZA li s-saħħa tal-bniedem ma tistax tiġi ssalvagwardata b'mod iżolat u hija intrinsikament marbuta mas-saħħa tal-annimali, il-pjanti u l-ekosistemi usa' li jirfdu s-sistemi agroalimentari⁵ tagħna, u tiddependi minnhom. F'dan ir-rigward, IFAKKAR li "Saħħa Waħda" hija approċċ integrat u unifikanti li għandu l-għan li jibbilanċja u jottimizza b'mod sostenibbli s-saħħa tan-nies, tal-annimali, tal-ekosistemi u tal-ambjent usa'⁶.
3. JIRRIKONOXXI li l-approċċ "Saħħa Waħda" jista' jikkontribwixxi għal użu aktar effiċjenti u effettiv tar-riżorsi permezz ta' azzjoni integrata u preventiva.
4. JENFASIZZA l-importanza li titrawwem kontinwament il-kultura "Saħħa Waħda", inkluż permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni, b'mod partikolari fost il-ġenerazzjonijiet żgħażaġh, biex jiġu indirizzati l-isfidi interkonnessi tas-saħħa, tal-ambjent u tas-sostenibbiltà b'mod integrat.
5. JISSHAQ li sistemi agroalimentari sostenibbli, reżiljenti u inklużivi huma essenzjali biex tiġi żgurata l-kapaċità dejjiema tagħna li nipprovdu ikel suffiċjenti, sikur u affordabbli u dieti tajbin għas-saħħa għal kulħadd, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-kulturi tal-ikel lokali. F'dan ir-rigward, JISSOTTOLINJA li s-sigurtà globali tal-ikel fit-tul tista' tinkiseb biss billi jiġi ssalvagwardat u żgurat l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u tiġi protetta s-saħħa tal-pjanti, tal-annimali u tal-ekosistemi. JIRRIKONOXXI li dan jirrikjedi approċċ olistiku u sistemiku, mirfud mir-riċerka u l-innovazzjoni.

⁵ Is-sistemi agroalimentari bħala l-attivitajiet u l-atturi interkonnessi kollha involuti fit-twassil tal-ikel mill-għalqa sal-platt. Din id-definizzjoni tinkludi kollox, mill-produzzjoni u l-ipproċessar agrikoli sad-distribuzzjoni, il-konsum u l-immaniġġjar tal-iskart.

⁶ Il-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli għal "Saħħa Waħda" (OHLEP) żviluppa d-definizzjoni li ġejja ta' "Saħħa Waħda" fl-2022: "Saħħa Waħda" huwa approċċ integrat u unifikanti li għandu l-għan li jibbilanċja u jottimizza b'mod sostenibbli s-saħħa tan-nies, tal-annimali u tal-ekosistemi. Huwa jirrikonoxxi b'mod inerenti li s-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali domestiċi u selvaġġi, tal-pjanti, u tal-ambjent usa' (inkluż l-ekosistemi) huma marbuta mill-qrib u interdipendenti."

6. JIRRIKONOXXI li l-"Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel", ippreżentata mill-Kummissjoni Ewropea fi Frar 2025⁷, tenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-elementi kollha tas-settur agroalimentari joperaw fil-limiti planetarji filwaqt li jikkontribwixxu għall-oġettivi klimatiċi, il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, ħamrija b'saħħha, ilma nadif u sistemi tal-ikel reżiljenti.
7. JENFASIZZA li s-sistemi agroalimentari jinsabu fl-interfaċċa tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali, tal-pjanti u tal-ekosistema, u li l-approċċ "Saħħa Waħda" jipprovdi qafas integrat biex jiġu indirizzati r-riskji interkonnessi u l-isfidi transsettorjali li qed jiffaċċjaw is-sistemi agroalimentari.
8. JISĦAQ li r-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR) tinfirex fl-interfaċċa bejn il-bniedem, l-ambjent u l-annimali, li jfisser li l-patoġeni reżistenti għall-antimikrobiċi u l-ġeni ta' reżistenza jistgħu jiċċaqilqu bejn in-nies, il-bhejjem, l-organiżmi selvaġġi, u l-ekosistemi irrispettivament minn fejn ikunu feġġew għall-ewwel darba, u tirrikjedi azzjoni koordinata. JINNOTA l-importanza partikolari tal-approċċ "Saħħa Waħda" biex tiġi indirizzata l-AMR u JISĦAQ li l-miżuri għandhom ikunu bbażati fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE u standards maqbula internazzjonalment.
9. JENFASIZZA, f'dan ir-rigward, li "Saħħa Waħda" sservi mhux biss bħala strateġija tas-saħħa iżda wkoll bħala faċilitatur ewlieni ta' sistemi agroalimentari sostenibbli u reżiljenti.

⁷ 6385/25 - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: "Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri".

10. JISĦAQ fuq l-importanza li nibnu fuq it-tagħlimiet meħuda mill-isfidi preċedenti fir-rigward ta' "Saħħa Waħda", l-evidenza xjentifika u l-esperjenza Prattika biex jissaħħu l-approċċi integrati fis-sistemi agroalimentari.
11. JISSOTTOLINJA li l-inkorporazzjoni ta' "Saħħa Waħda" fis-sistemi agroalimentari tista' tiġġenera ffrankar sinifikanti fit-tul billi ċċaqlaq l-enfasi minn fuq għestjoni ta' kriżijiet li tuża ħafna riżorsi – bħar-rispons għal pandemiji, kriżijiet tas-saħħa tal-annimali jew fallimenti tal-uċuħ tar-raba' – lejn prevenzjoni kosteffettiva u reżiljenza sistemika, u b'hekk tissalvagwarda l-baġits pubbliċi u ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali.

L-applikazzjoni tal-approċċ "Saħħa Waħda" fis-sistemi agroalimentari

12. JISSOTTOLINJA li l-applikazzjoni tal-approċċ "Saħħa Waħda" fis-sistemi agroalimentari, inkluż kemm is-sistemi tal-ikel terrestri kif ukoll dawk akkwatiċi, timplika l-indirizzar tal-isfidi relatati mas-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u l-benesseri tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u s-saħħa tal-ekosistemi fuq l-istess livell filwaqt li tiġi rikonoxxuta bis-sħiħ l-interdipendenza tagħhom.
13. Fir-rigward tas-**saħħa tal-bniedem**, JENFASIZZA:
 - l-interkonnessjonijiet b'saħħithom bejn is-sistemi agroalimentari u s-saħħa tal-bniedem, peress li l-komponenti kollha tal-katina agroalimentari – inkluż il-produzzjoni primarja, l-ipproċessar, il-ħżin, it-trasport, il-kummerċjalizzazzjoni, il-konsum u l-ġestjoni tal-iskart – għandhom impatti diretti u indiretti kemm fuq is-saħħa individwali kif ukoll fuq dik pubblika;
 - il-ħtieġa kritika għal approċċi orjentati lejn il-prevenzjoni fi ħdan is-sistemi agroalimentari, li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-mard li jinġarr mill-ikel u mill-ilma, il-forom kollha ta' malnutrizzjoni u mard relatat mal-ikel, l-esponiment għall-kontaminanti u r-riskju zoonotiku;
 - l-importanza fundamentali tal-promozzjoni ta' xejriet djetetiċi tajbin għas-saħħa, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-kulturi lokali tal-ikel, b'mod partikolari permezz tal-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni, aċċess aħjar għall-informazzjoni u ambjenti tal-ikel aktar tajbin għas-saħħa, u b'hekk jitnaqqas il-piż tal-mard kardjovaskulari u mard ieħor li ma jittexidx.

14. Fir-rigward tas-**saħħa tal-annimali u l-benesseri tal-annimali**, JENFASIZZA li:

- is-saħħa tal-annimali u l-benesseri tal-annimali huma komponenti ċentrali ta' sistemi agroalimentari reżiljenti u sostenibbli. It-trobbija tal-bhejjem u l-akkwakultura sostenibbli, mirfuda minn standards għoljin ta' saħħa u benesseri tal-annimali, jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ikel, l-għajxien rurali u l-produzzjoni sikura tal-ikel, filwaqt li jnaqqsu r-riskju li jitfaċċa u jinxtered mard żoonotiku u jtaffu l-impatti fuq l-ambjent;
- il-bijosigurtà, il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard (inkluż l-istrateġiji ta' tilqim), l-użu prudenti tal-antimikrobiċi, is-sistemi ta' sorveljanza, u standards għoljin tal-benesseri tal-annimali jibqgħu komponenti kritiċi tal-implimentazzjoni effettiva ta' "Saħħa Waħda";
- il-Qafas Globali għall-Kontroll Progressiv tal-Mard Transkonfinali tal-Annimali, immexxi b'mod konġunt mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura (FAO) u l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH), jibqa' mekkaniżmu importanti għall-ġestjoni tal-mard transkonfinali tal-annimali u b'hekk jikkontribwixxi għas-sikurezza tal-ikel, l-għajxien sostenibbli, il-kummerċ sigur, is-sigurtà tal-ikel u s-saħħa pubblika;
- il-miżuri li jindirizzaw is-saħħa tal-annimali u l-benesseri tal-annimali għandhom ikunu bbażati fuq il-leġislazzjoni tal-UE u l-istandards maqbula internazzjonalment.

15. Fir-rigward tas-**saħħa tal-pjanti**, JENFASIZZA li:

- pjanti u foresti b'saħħithom huma fundamentali għall-benesseri tal-bniedem u għal sistemi agroalimentari reżiljenti, billi jipprovdu ikel, għalf, ossiġenu u servizzi essenzjali tal-ekosistema filwaqt li jappoġġaw il-bijodiversità, iżommu ħamrija b'saħħitha u jnaqqsu r-riskju ta' degradazzjoni tal-art, l-instabbiltà idroekoloġika u l-ispillover żoonotiku;

- sistemi effettivi ta' sorveljanza u ta' twissija bikrija, li jagħmlu l-aħjar użu mis-soluzzjonijiet teknoloġiċi, huma essenzjali għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni f'waqtha u l-ġestjoni ta' pesti u mard tal-pjanti b'mod integrat u sostenibbli;
- il-prattiki sostenibbli għall-protezzjoni tal-pjanti, inkluż il-ġestjoni integrata tal-pesti u l-miżuri fitosanitarji, jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tat-tixrid lokali u transfruntier ta' pesti u mard, u b'hekk jgħinu fil-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tal-bijodiversità, tal-ekosistemi terrestri u dawk akkwatiċi, tal-foresti u tas-sostenibbiltà ambjentali ġenerali;
- il-pjanti, il-foresti u s-sistemi bbażati fuq il-foresti huma essenzjali għal sistemi agroalimentari sostenibbli, peress li jipprovdu s-sekwestru tal-karbonju u servizzi vitali tal-ekosistema li jappoġġjaw l-ekosistemi u s-saħħa ambjentali;
- l-approċċi bbażati fuq il-pajsaġġ, inkluż is-sistemi agroforestali, u l-foresti ġestiti b'mod sostenibbli jsaħħu l-bijodiversità, ir-reżiljenza tal-ekosistema u l-adattament għat-tibdil fil-klima, u b'hekk jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' "Saħħa Waħda" u r-reżiljenza tas-sistemi agroalimentari.

16. Fir-rigward tas-**saħħa tal-ambjent u tal-ekosistema**, JENFASIZZA li:

- is-sistemi agroalimentari jiddependu fuq u jinfluwenzaw is-saħħa ambjentali u tal-ekosistema, inkluż l-arja u l-ilma nodfa, il-bijodiversità, il-ħamrija b'saħħitha, il-foresti u s-sistemi akkwatiċi, u sistemi klimatiċi stabbli;

- id-degradazzjoni ambjentali, it-tniġġis, it-telf tal-bijodiversità u t-tibdil fil-klima qegħdin jamplifikaw dejjem aktar ir-riskji fis-sistemi agroalimentari, b'impatti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti, u l-ekosistemi terrestri u akkwatiċi; għalhekk, approċċi integrati u olistiċi huma essenzjali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza, jitnaqqsu r-riskji kumulattivi u tiġi appoġġata s-sostenibbiltà fit-tul tal-ekosistemi;
 - sistemi ta' produzzjoni sostenibbli, inkluż approċċi agroekoloġiċi u approċċi innovattivi oħra bbażati fuq prattiki effiċjenti fir-riżorsi, ambjentalment sodi u soċjalment responsabbli, jistgħu, flimkien mar-restawr tal-ekosistema, jagħtu eżiti ambjentali pożittivi filwaqt li jnaqqsu r-riskji sistemiċi fit-tul, inkluż l-ispollover ta' patoġeni bejn organiżmi selvaġġi u annimali domestikati li huwa assoċjat mad-degradazzjoni tal-ħabitat.
17. JISĦAQ li azzjoni integrata u kollaborattiva fl-oqsma kollha msemmija hawn fuq hija essenzjali biex jitnaqqsu r-riskji transsettorjali, inkluż il-feġġ ta' mard li jinġarr mill-ikel, mill-ilma u minn vettur u żoonożi, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, il-pesti u l-mard tal-pjanti u d-degradazzjoni tal-ekosistema.
18. JIRRIKONOXXI li t-tnaqqis ta' dawk ir-riskji jirrikjedi approċċ ikkoordinat u bbażat fuq ix-xjenza li jindirizza l-muturi kondiviżi tagħhom, bħal mard infettiv emerġenti, dieti mhux tajbin għas-saħħa, it-telfien tal-bijodiversità, it-tniġġis u d-degradazzjoni ambjentali, l-impatti tat-tibdil fil-klima, sistemi ta' produzzjoni mhux sostenibbli u l-użu mhux xieraq ta' inputs agrikoli.
19. JENFASIZZA li l-applikazzjoni tal-approċċ "Saħħa Waħda" fis-sistemi agroalimentari ssaħħaħ b'mod sinifikanti s-sorveljanza, it-twissija bikrija, il-prevenzjoni, it-tnejjija u l-bini tar-reżiljenza, u b'hekk tappoġġa risponsi ta' politika aktar koerenti, inkluż bejn il-fruntieri u fil-livelli reġjonali.

20. JENFASIZZA li l-implimentazzjoni b'suċċess ta' "Saħħa Waħda" fis-sistemi agroalimentari tirrikjedi l-involvement tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-katina agroalimentari u koerenza politika aktar b'saħħitha fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha.
21. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li titkisser il-kompartimentalizzazzjoni istituzzjonali u settorjali fil-livelli domestiċi u globali u li tkompli tiġi promossa l-integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet b'rabta ma' "Saħħa Waħda" fl-istabbiliment ta' standards internazzjonali, b'mod partikolari fi ħdan il-Kummissjoni Codex Alimentarius, id-WOAH u l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti (IPPC), u b'hekk jiġi appoġġat kummerċ internazzjonali sikur u prevedibbli.

Governanza effettiva u kundizzjonijiet abilitanti xierqa

22. JENFASIZZA li governanza effettiva u kundizzjonijiet abilitanti xierqa huma essenzjali biex il-prinċipji ta' "Saħħa Waħda" jissarrfu f'azzjoni, filwaqt li jsir l-aħjar użu mill-istrutturi u r-riżorsi eżistenti u tissaħħaħ il-kooperazzjoni fis-setturi, fil-livelli ta' governanza u bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.
23. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu pprovduti inċentivi adegwati biex jiġi appoġġat l-użu ta' "Saħħa Waħda" fil-prattika, inkluż billi jiġu sfruttati l-istrumenti finanzjarji u fiskali eżistenti, il-promozzjoni tal-aċċess għall-għarfien u l-innovazzjoni, u t-tiżiħ tal-kooperazzjoni teknika, l-iskambju tal-għarfien u t-tiżiħ tal-kapaċità, inkluż fil-pajjiżi sħab u l-ekonomiji li qed jiżviluppaw.
24. JIRRIKONOXXI li l-implimentazzjoni ta' "Saħħa Waħda" fis-sistemi agroalimentari trid tqis iċ-ċirkostanzi nazzjonali, is-sistemi ta' produzzjoni, l-arranġamenti istituzzjonali, il-kundizzjonijiet ambjentali u l-prijoritajiet ta' żvilupp differenti. L-approċċi lokali u territorjali għall-implimentazzjoni huma kruċjali, minħabba d-diversità tas-sistemi agroalimentari u l-ekosistemi.

25. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni u l-effettività tal-approċċ "Saħħa Waħda" fis-sistemi agroalimentari, u JINKORAĠĠIXXI l-użu ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ, sorveljanza u rappurtar biex jiġu appoġġati t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u t-titjib kontinwu.
26. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jappoġġaw il-koordinazzjoni, il-koerenza tal-politika, il-kooperazzjoni teknika, it-tiżmin tal-kapaċità, l-iskambju ta' Prattika Tajba, l-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien dwar "Saħħa Waħda" fis-sistemi agroalimentari, filwaqt li jevitaw piżijiet amministrattivi jew ta' rappurtar żejda.

Kooperazzjoni internazzjonali

27. JIRRIKONOXXI l-hteġa kontinwa għal kooperazzjoni internazzjonali, b'mod partikolari permezz ta' involviment imsaħħaħ mal-Kwadripartitiku "Saħħa Waħda" (FAO, WHO, WOA u UNEP), il-Kummissjoni Codex Alimentarius, l-IPPC, il-Konsorzju ta' Ċentri Internazzjonali tar-Riċerka Agrikola (CGIAR) u l-oqfsa rilevanti tad-WTO biex jiġu avvanzati l-oġettivi ta' "Saħħa Waħda" b'mod koerenti, effettiv u bbażat fuq ix-xjenza fis-sistemi agroalimentari, inkluż permezz ta' koerenza u sinerġiji msaħħa bejn il-ħidma tal-organizzazzjonijiet Kwadripartitiċi u l-ftehimiet ambjentali multilaterali rilevanti.
28. JINNOTA B'SODISFAZZJON li l-FAO, id-WHO, id-WOA u l-UNEP, il-Kummissjoni Codex Alimentarius u l-IPPC qed jinkorporaw dejjem aktar il-prinċipji ta' "Saħħa Waħda" fil-ħidma tagħhom.
29. JISSOTTOLINJA li l-istandards internazzjonali żviluppati, b'mod partikolari, mill-Kummissjoni Codex Alimentarius, id-WOA u l-IPPC jipprovdu qafas stabbilit ibbażat fuq ix-xjenza li jappoġġa l-implimentazzjoni ta' "Saħħa Waħda" u jippermetti kummerċ internazzjonali sikur.

30. JIRRIKONOXXI li l-kooperazzjoni kontinwa ma' dawn il-korpi tibqa' essenzjali biex jinżammu l-koerenza u l-prevedibbiltà fi ħdan is-sistema sanitarja u fitosanitarja (SPS) internazzjonali; u JISSOTTOLINJA f'dan ir-rigward li l-Ftehim SPS tad-WTO jibqa' l-qafas legali internazzjonali prinċipali li jirregola l-miżuri sanitarji u fitosanitarji bbażati fuq ix-xjenza u jkompli jipprovdi ċertezza legali u prevedibbiltà għall-kummerċ internazzjonali fi prodotti agroalimentari.
31. ITENNI l-impenn sħiħ tal-UE għall-kooperazzjoni multisettorjali stabbilita permezz tas-sħubija Kwadripartitika bejn il-FAO, id-WHO, id-WOAH u l-UNEP bil-ħsieb li jissaħħu l-kapaċitajiet integrati ta' sorveljanza, prevenzjoni, preparatezza, u rispons fil-livelli globali, reġjonali u nazzjonali. F'dan il-kuntest, JISSOTTOLINJA wkoll il-kontribut importanti li sar mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli għal "Saħħa Waħda" għat-tisħiħ tal-analiżi u t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza u x-xjenza.
-